IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.2.2017
COM(2017) 57 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport ta' Progress dwar l-Enerġija Rinnovabbli**

MT MT

## INTRODUZZJONI

L-Enerġija Rinnovabbli hija fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[1] kienet u se tkompli tkun element ċentrali tal-politika tal-Unjoni tal-Enerġija u motivatur ewlieni għall-forniment ta' enerġija nadifa għall-Ewropej kollha, bl-għan li l-UE tkun fuq quddiem nett f'dak li jirrigwarda s-sorsi rinnovabbli waqt li tikkontribwixxi għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.

L-ewwel nett, is-sorsi rinnovabbli kellhom rwol importanti fis-**sigurtà tal-enerġija**. Il-kontribut tagħhom fl-iffrankar tal-importazzjoni ta' karburanti fossili fl-2015 huwa stmat li kien EUR 16-il biljun u huwa mbassar li fl-2030 se jkun EUR 58 biljun[2]. It-tieni, minħabba li l-ispejjeż dejjem qegħdin jonqsu aktar malajr bis-saħħa tal-avvanz teknoloġiku, b'mod speċjali fis-settur tal-enerġija, is-sorsi rinnovabbli jistgħu jkomplu **jiddaħħlu aktar fis-suq** bil-mod il-mod. Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sorsi Rinnovabbli għall-perjodu ta' wara l-2020 flimkien mal-proposti għad-Disinn tas-Suq[3] bħala parti mill-pakkett ta' *Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha* se tkompli żżid il-parteċipazzjoni tas-sorsi rinnovabbli fuq l-istess livell ta' sorsi oħrajn tal-enerġija. It-tielet, is-sorsi rinnovabbli jimxu id f'id mal-**effiċjenza fl-enerġija**. Fis-settur tal-elettriku, il-qlib tal-karburanti minn karburanti fossili kombustibbli għal sorsi rinnovabbli mhux kombustibbli jista' jnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja[4]. Fis-settur tal-bini, is-soluzzjonijiet rinnovabbli jistgħu jtejbu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini b'mod kosteffiċjenti. Ir-raba', is-sorsi rinnovabbli huma wkoll motivatur kruċjali għad-**dekarbonizzazzjoni** tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni. Fl-2015, is-sorsi rinnovabbli kkontribwew għall-evitar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG) bl-ammont gross ekwivalenti għall-emissjonijiet tal-Italja[5]. Fl-aħħar u mhux l-anqas, is-sorsi rinnovabbli għandhom rwol importanti biex jagħmlu mill-UE gwida globali fejn tidħol l-**innovazzjoni**. Bi 30% tal-privattivi globali fis-sorsi rinnovabbli, l-UE kienet pijuniera f'dan il-qasam, u hija impenjata li tagħti prijorità lir-riċerka u lill-innovazzjoni sabiex tkompli tħeġġeġ it-tranżizzjoni tal-enerġija[6].

Barra minn hekk, hemm ferm aktar benefiċċji tal-enerġiji rinnovabbli minn dak li ssemma hawn fuq. L-enerġiji rinnovabbli huma sors ta' tkabbir ekonomiku u impjiegi għall-Ewropej[7]. Jikkontribwixxu wkoll biex jonqos it-tniġġis tal-arja u biex jgħinu lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp b'aċċess għal enerġija affordabbli u nadifa.

Fl-2014, l-UE u l-parti l-kbira tal-Istati Membri kienu laħqu l-miri vinkolanti tagħhom għall-2020. L-aktar progress mgħaġġel kien fis-settur tal-elettriku, filwaqt li l-ogħla kontribut assolut għadu dak ipprovdut mis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ. S'issa l-inqas progress li qed isir huwa fis-settur tat-trasport. L-eżistenza ta' potenzjal kbir mhux sfruttat fis-setturi tat-tisħin u tat-tkessiħ u tat-trasport teħtieġ aktar azzjoni kif stipulat fil-proposta għal

1 Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 140, 5.6.2009

2 Meta mqabbel mal-linja bażi tal-2005, sors: Öko-Institut, Study on Technical Assistance in Realisation of the 2016 Report on Renewable Energy (Studju dwar l-Assistenza Teknika fit-Tfassil tar-Rapport tal-2016 dwar l-Enerġija Rinnovabbli), disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/energy/en/studies

3 bħala parti mill-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", maħruġ fit-30 ta' Novembru 2016

4 jekk wieħed jassumi Fattur ta' Enerġija Primarja ta' 2.5, unità waħda (1) ta' enerġija rinnovabbli tista' tissostitwixxi 2.5 unitajiet ta' elettriku fossili

5 436 Mt ekwivalenti ta' $CO_2$ meta mqabbla mal-linja bażi tal-2005. Sors: EEA

6 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aċċellerazzjoni tal-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija Nadifa" Com(2016) 763

7 fl-2014, aktar minn miljun persuna ġew impjegati f'dan is-settur u l-fatturat ikkombinat laħaq madwar EUR 144 biljun (Rapport tal-EurObser'ER)

riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-perjodu ta' wara l-2020, bħala parti mill-pakkett ta' *Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha* ppreżentat f'Novembru 2016. Dan il-pakkett jikkonferma l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tagħmel mill-**Unjoni Ewropea n-numru wieħed fid-dinja fl-enerġija rinnovabbli** u tipprovdi arranġament ġust lill-konsumaturi tal-enerġija.

Skont ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-użu ta' enerġija rinnovabbli fl-UE. Jinkludi wkoll valutazzjoni tal-ostakoli amministrattivi, kif ukoll tas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dejta mill-2004 sal-2014 hija bbażata fuq l-Ishma tal-Eurostat u d-dejta tal-2015 ġejja minn stimi bikrin[8]. Il-progress ġenerali huwa vvalutat f'konfront mat-trajettorji stipulati fl-Anness I tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, filwaqt li l-valutazzjonijiet speċifiċi għas-settur u għat-teknoloġija saru f'konfront mat-trajettorji mill-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (National Renewable Energy Action Plans - NREAPs) tal-Istati Membri[9]. Il-projezzjonijiet tal-2020 huma bbażati fuq ix-xenarju tal-PRIMES Ref2016[10].

8 estimi tal-2015. sors: Öko-Institut, Study on Technical Assistance in Realisation of the 2016 Report on Renewable Energy (Studju dwar l-Assistenza Teknika fit-Tfassil tar-Rapport tal-2016 dwar l-Enerġija Rinnovabbli), disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/energy/en/studies

9 It-trajettorji aggregati fil-livell tal-UE huma mogħtija għall-fini ta' spjegazzjoni u m'għandhom ebda valur legali

10 deskrizzjoni ddettaljata disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/20160713%20draft_publication_REF2016_v13.pdf

# 1. PROGRESS FL-UŻU TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI

## a. Il-progress tal-UE28 fl-użu ta' enerġija rinnovabbli

Fl-2014, is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (is-sehem RES - share of renewable energy) laħaq is-16% tal-konsum tal-enerġija finali gross. Is-sehem RES medju tal-UE-28 fl-2013/2014 kien jammonta għal 15.5%, sostanzjalment ogħla mit-trajettorja indikattiva (2013/2014) għall-UE-28 ta' 12.1%[11]. Fl-2015, l-ishma RES huma stmati li huma madwar 16.4% tal-konsum tal-enerġija finali gross, filwaqt li t-trajettorja indikattiva għall-2015/2016 hija 13.8%. Madankollu, minħabba li t-trajettorji ser jogħlew fis-snin li ġejjin, l-isforzi biex inlaħħqu mal-miri jkollhom jintensifikaw, kif muri fil-Grafika 1 Figure 1.




*Grafika 1: Ishma ta' enerġija rinnovabbli fl-UE f'konfront mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED) u t-trajettorji tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija Rinnovabbli (NREAP) (ibbażati fuq EUROSTAT, Öko-Institut )*

Kif muri f'Figure 2, **it-tisħin u t-tkessiħ** jibqa' l-akbar settur f'termini ta' użu ta' enerġija rinnovabbli assoluta. L-ogħla sehem RES u l-akbar tkabbir, madankollu, huma fis-settur tal-elettriku, fejn is-sehem RES kiber b'1.4 punti perċentwali fis-sena bejn l-2004 u l-2014. Is-

11 Fl-Anness I tagħha, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tistabbilixxi formula biex tiġi kkalkolata trajettorja indikattiva għal medja ta' sentejn għal kull Stat Membru. Mill-formula wieħed jista' joħroġ trajettorja indikattiva għall-UE-28 f'daqqa. Madankollu, din l-estrapolazzjoni hija ppreżentata għal finijiet ta' deskrizzjoni u m'għandhiex valur legali, jiġifieri l-UE inġenerali m'għandha ebda trajettorja RES indikattiva skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

sehem RES fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ kiber b'0.8 punti perċentwali fis-sena fl-istess perjodu ta' żmien, filwaqt li s-settur tat-trasport wera l-inqas tkabbir, b'medja ta' 0.5 punti perċentwali fis-sena.




*Grafika 2: konsum finali tal-enerġija fl-UE28 fl-2015 (sors: Öko-Institut)*

*i. Tisħin u tkessiħ*



*Grafika 3: Il-produzzjoni ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli fl-UE-28 skont is-sors (sors: EUROSTAT, Öko-Institut)*

B'sehem rinnovabbli stmat ta' 18.1% fl-2015, l-UE inġenerali tinsab ogħla mit-trajettorju NREAP aggregat tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mat-tisħin u t-tkessiħ[12]. Kif muri fil-Grafika 3 Figure 3, **il-bijomassa solida** bla dubju għadha l-akbar kontributur (82%) tal-produzzjoni tas-sħana rinnovabbli (72 Mtoe).

Il-produzzjoni mill-**pompi tas-sħana** żdiedet b'mod stabbli minn 1.8 Mtoe fl-2004 għal 9.7 Mtoe fl-2015, u qabżet it-trajettorja indikattiva tal-NREAPs (7.3 Mtoe). L-Italja hija l-pajjiż li jużaha l-aktar, għalkemm il-parti l-kbira tal-pompi tas-sħana jintużaw l-aktar għat-tkessiħ. Għalkemm is-suq tal-UE tal-pompi tas-sħana beda jmajna mill-2013, jista' jiżdied fis-snin li ġejjin[13].

L-użu tal-**iskart rinnovabbli**[14] ammonta għal 3.4 Mtoe fl-2015. Għalkemm is-sehem tal-**bijogass** fit-tisħin u t-tkessiħ kien negliġibbli fl-2004 (0.7 Mtoe), fl-2015 qabeż il-valuri proġettati bi 3.2 Mtoe.

Il-produzzjoni tas-**sħana termali solari**, bi 2.0 Mtoe fl-2015, naqset milli tlaħħaq mal-projezzjonijiet inklużi fl-NREAPs (3 Mtoe). Il-kapaċità annwali installata fl-2015 kienet aktar baxxa minn dik installata fl-2006, minħabba xtiewi sħan, prezzijiet baxxi tal-fossili, imma wkoll il-kompetizzjoni ta' teknoloġiji rinnovabbli oħrajn bħall-pompi tas-sħana jew il-fotovoltajċi solari.

Bi produzzjoni qrib iż-0.7 Mtoe fl-2015, l-użu **ġeotermali** huwa taħt it-trajettorja antiċipata tal-NREAPs. Minħabba l-potenzjal naturali għoli tagħhom, tliet pajjiżi (l-Italja, Franza u l-Ungerija) qegħdin imexxu l-produzzjoni ġeotermali Ewropea. L-użu bil-mod ta' din it-teknoloġija huwa dovut l-aktar għall-infiq kapitali kbir ħafna.

## *ii. Elettriku*

12 L-aggregazzjoni NREAP tindika sehem mistenni ta' 15.0 % u 16% rispettivament fl-2014 u fl-2015.
13 ibbażat fuq ix-xenarju PRIMES EUCO30
14 kif notifikat mill-Eurostat taħt "skart solidu muniċipali rinnovabbli"




*Grafika 4: Il-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli tal-UE-28 skont is-sors (sors: EUROSTAT, Öko-Institut)*

B'RES-E stmat ta' 28.3% fl-2015, l-UE hija ferm qabel it-trajettorja tal-NREAP aggregata tagħha għall-ishma rinnovabbli fl-elettriku.

L-iskemi ta' appoġġ nazzjonali jvarjaw fl-Unjoni u nbidlu diversi drabi[15]. Il-proposta għal riformulazzjoni ta' din id-Direttiva fiha diversi dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-konfidenza tal-investitur permezz ta' approċċ aktar Ewropew u bbażat fuq is-suq u bil-prevenzjoni ta' bidliet retroattivi li jikkompromettu l-ekonomiji tal-proġetti appoġġjati.

**L-idroelettriku** għadu jiġġenera l-akbar sehem ta' elettriku rinnovabbli, filwaqt li s-sehem tiegħu niżel minn 74 % fl-2004 għal 38% fl-2015. Fl-2015, l-UE-28 kienet qiegħda tlaħħaq mat-trajettorja NREAPs aggregata ppjanata tagħha. L-Iżvezja, Franza, l-Italja, l-Awstrija u Spanja għandhom madwar 70 % tal-idroenerġija fl-UE-28.

L-użu tal-**enerġija mir-riħ** kiber aktar minn erba' darbiet fil-perjodu bejn l-2004 u l-2015, u attwalment tammonta għal madwar terz tal-elettriku rinnovabbli. L-użu tar-riħ fuq l-art huwa pjuttost qrib it-trajettorja antiċipata matul is-snin. L-akbar kontribuzzjonijiet ġew mill-Ġermanja u minn Spanja. Rigward ir-riħ fuq il-baħar, erba' pajjiżi (l-Iżvezja, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u d-Danimarka) huma wkoll stmati li qabżu t-trajettorja antiċipata tagħhom għall-2015. Madankollu, fil-livell tal-UE, l-enerġija mir-riħ fuq il-baħar uriet progress aktar kajman milli mistenni, b'devjazzjoni ta' -12% mit-trajettorja NREAP fl-2015, dovuta għal spejjeż inizjali għoljin (li issa qegħdin jonqsu sostanzjalment) u kwistjonijiet ta' konnessjonijiet ta' grilji. Madankollu l-iżvilupp aċċellera b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin.

L-enerġija **solari fotovoltajka (solari-PV)** żdiedet b'mod rapidu u fl-2015 kienet tammonta għal 12% tal-elettriku rinnovabbli kollu. Fl-2013 għall-ewwel darba l-użu tagħha kien qabeż

15 L-iskemi ta' appoġġ nazzjonali implimentati mill-Istati Membri huma soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif stipulat fil-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Ħarsien tal-Ambjent u l-Enerġija 2014 – 2020

dak tal-bijomassa solida. Fl-2015, 38 % tal-elettriku solari-PV fl-UE-28 kien prodott fil-Ġermanja, fl-Italja u fi Spanja. It-tkabbir konsiderevoli fl-elettriku solari-PV kien motivat minn progress teknoloġiku mgħaġġel, tnaqqis fl-ispejjeż u żminijiet relattivament qosra għall-iżvilupp ta' proġetti. Dan mhux biss ippermetta użu rapidu u kosteffettiv, iżda wkoll ikkontribwixxa biex iqiegħed lill-konsumatur fiċ-ċentru tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Din l-ambizzjoni li biha l-konsumatur jingħata s-setgħa, ġiet ikkonfermata mill-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-proposti dwar id-Disinn tas-Suq. Rigward il-kooperazzjoni reġjonali, f'Lulju 2016, id-Danimarka u l-Ġermanja ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni dwar il-ftuħ reċiproku ta' rkantijiet għall-installazzjonijiet solari-PV. Dan il-ftehim imur lejn il-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ lill-parteċipazzjoni transkonfinali li tipproponi r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

L-iġġenerar tal-elettriku mill-**bijomassa** fil-livell tal-UE-28 żdied minn madwar 9 Mtoe fl-2010 għal 13-il Mtoe fl-2015. Madankollu, din it-teknoloġija ma laħqitx il-livell ippjanat għal dik is-sena. L-użu tal-**bijogass u tal-bijolikwidi** kkombinat, it-tnejn f'livelli negliġibbli fl-2004, laħaq is-7% tal-elettriku rinnovabbli fl-2015. F'dak li jirrigwarda l-bijogass, l-użu tiegħu kiber malajr aktar minn kemm kien mistenni, b'mod speċjali fil-Ġermanja u fl-Italja.

### *iii. Trasport*




*Grafika 5: Enerġija rinnovabbli fil-qasam tat-trasport fl-UE-28, skont is-sors (sors: EUROSTAT, Öko-Institut)*

It-trasport huwa l-uniku settur li bħalissa jinsab taħt it-trajettorji aggregati NREAP fil-livell tal-UE, b'sehem ta' 6 % tal-enerġija rinnovabbli fl-2015[16]. Dan jikkonferma progress pjuttost kajman lejn il-mira obbligatorja ta' 10% fit-trasport, minħabba diversi diffikultajiet fosthom spejjeż ta' mitigazzjoni ta' GHG relattivament għoljin u inċertezza regolatorja[17]. L-enerġija rinnovabbli f'dan is-settur ġejja l-aktar mill-bijokarburanti (88%), filwaqt li l-elettriku għandu rwol aktar limitat f'dan l-istadju.

Il-**bijodiżil** huwa l-bijokarburant ewlieni użat għat-trasport fl-UE, fejn jirrappreżenta 79% tal-użu totali ta' bijokarburanti fl-2015. Minkejja din il-pożizzjoni ewlenija, il-bijodiżil ma laħaqx l-użu mistenni antiċipat mit-trajettorja NREAPs għall-2015 (10.9 Mtoe minflok 14.4 Mtoe). L-akbar konsumaturi tal-bijodiżil huma Franza, il-Ġermanja u l-Italja.

Il-**bijoetanol** huwa t-tieni l-akbar kontributur ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għas-settur tat-trasport u jirrappreżenta 20% tal-bijokarburanti. Madankollu, l-użu tiegħu baqa' lura ferm mil-livell mistenni fl-NREAPs fl-2015 (2.6 Mtoe minflok 4.9 Mtoe). Il-konsumaturi ewlenin fl-2015 kienu l-Ġermanja, ir-Renju Unit u Franza, segwiti minn Spanja, l-Iżvezja, il-Polonja u n-Netherlands.

---

16 inkluż l-għadd multiplu

17 Influwenzata mid-diskussjonijiet dwar il-qafas legali għall-bijokarburanti prodotti minn uċuħ imkabbra f'art agrikola u l-ILUC

L-**elettriku rinnovabbli** kkontribwixxa 1.7 Mtoe għall-konsum ta' enerġija finali gross fit-trasport fl-2015[18], li huwa 13% inqas mit-trajettorja NREAP aggregata mistennija.

**Sorsi ta' enerġija rinnovabbli oħrajn (fosthom il-bijogass)** ma jaqdux rwol prominenti fis-settur tat-trasport fil-livell tal-UE-28, iżda jintużaw f'ċerti Stati Membri (eż. fl-Iżvezja u fil-Finlandja).

Is-sehem tal-**bijokarburanti prodotti mill-iskart, mir-residwi, mill-materjal linjoċellulożiku u materjal ċellulożiku mhux tal-ikel**[19] fit-taħlita ta' bijokarburanti fl-UE[20] żdied minn 1% fl-2009 għal 23% fl-2015[21], xprunat l-aktar mill-Iżvezja, mir-Renju Unit u mill-Ġermanja. Fil-livell tal-UE, dawn il-bijokarburanti qabżu bi tliet darbiet it-trajettorja ppjanata, b'madwar 3 Mtoe fl-2015, l-aktar minħabba l-użu ta' żejt tat-tisjir użat.

## b. Valutazzjoni ddettaljata skont kull Stat Membru u projezzjonijiet

L-Istati Membri kollha ħlief wieħed (in-Netherlands[22]) urew ishma RES medji għall-2013/2014 li kienu daqs it-trajettorja indikattiva RED korrispondenti tagħhom jew ogħla. Skont l-estimi tal-2015, 25 Stat Membru diġà qabżu t-trajettorji indikattivi RED tagħhom tal-2015/2016 fl-2015. Tliet Stati Membri (in-Netherlands, Franza u l-Lussemburgu) kellhom ishma RES għall-2015 stmati taħt it-trajettorja indikattiva RED għall-2015/2016 tagħhom (ara l-Grafika 6 Figure 6).

18 mingħajr multiplikaturi

19 Dak li qabel kien l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2009/28/KE

20 bijokarburanti konformi kif ikkalkolati għall-mira tal-enerġija rinnovabbli

21 f'ktoe, mingħajr għadd multiplu

22 Dan informa lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' miżuri ġodda sabiex jerġa' jilħaq it-trajettorja tiegħu u jiżgura l-konformità mal-mira tiegħu.




*Grafika 6: Il-progress attwali tal-Istati Membri lejn il-miri indikattivi RED tagħhom għall-2013/2014 u l-2015/2016. (sors: Öko-Institut, EUROSTAT)*

Ix-Xenarju ta' Referenza PRIMES 2016 jassumi li l-UE inġenerali u l-parti l-kbira tal-Istati Membri se jieħdu azzjoni suffiċjenti sal-2020 biex jilħqu l-miri tagħhom. L-Istati Membri li bħalissa huwa mbassar li mhumiex ser jilħqu l-miri vinkolanti RES nazzjonali tagħhom sal-2020[23] ser ikollhom il-possibbiltà li jużaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni. It-tabella 1Table 1 tiġbor fil-qosor l-użu fil-passat, fil-preżent u dak imbassar fil-livell tal-Istati Membri, inkluża t-trajettorja attwali fis-settur tat-trasport imqabbla mal-mira speċifika ta' 10%.

[23] L-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands u r-Renju Unit. Fil-każ tar-Renju Unit id-distakk mistenni madankollu huwa qasir ħafna (madwar 0.2%). L-Ungerija, b'distakk taħt iż-0.01%, ma ġietx inkluża hawnhekk

| | RES-kollha | | | | | | | | Trasport (b'Għadd Mult.) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Stat Membru** | **Sehem RES 2013** | **Sehem RES medju 2013/2014** | **Trajettorja indikattiva RED (2013/2014)** | **Sehem RES 2014** | **Sehem RES 2015 (proxy)** | **Trajettorja indikattiva RED (2015/2016)** | **Sehem RES 2020 imbassar (PRIMES Ref 2016)** | **Mira RES 2020** | **Ishma RES-T 2014** | **Ishma RES-T 2015 (proxy)** |
| | **% konsum finali** | | | | | | | | **% konsum finali** | |
| **AT** | 32.3% | 32.7% | 26.5% | 33.1% | 33.6% | 28.1% | 35.2% | 34.0% | 8.9% | 8.3% |
| **BE** | 7.5% | 7.8% | 5.4% | 8.0% | 7.3% | 7.1% | 13.9% | 13.0% | 4.9% | 3.3% |
| **BG** | 19.0% | 18.5% | 11.4% | 18.0% | 18.4% | 12.4% | 20.9% | 16.0% | 5.3% | 5.3% |
| **CY** | 8.1% | 8.5% | 5.9% | 9.0% | 9.1% | 7.4% | 14.8% | 13.0% | 2.7% | 2.2% |
| **CZ** | 12.4% | 12.9% | 8.2% | 13.4% | 13.6% | 9.2% | 13.5% | 13.0% | 6.1% | 6.0% |
| **DE** | 12.4% | 13.1% | 9.5% | 13.8% | 14.5% | 11.3% | 18.5% | 18.0% | 6.6% | 6.4% |
| **DK** | 27.3% | 28.2% | 20.9% | 29.2% | 30.6% | 22.9% | 33.8% | 30.0% | 5.8% | 5.3% |
| **EE** | 25.6% | 26.0% | 20.1% | 26.5% | 27.9% | 21.2% | 25.7% | 25.0% | 0.2% | 0.2% |
| **EL** | 15.0% | 15.2% | 10.2% | 15.3% | 15.5% | 11.9% | 18.4% | 18.0% | 1.4% | 1.4% |
| **ES** | 15.3% | 15.8% | 12.1% | 16.2% | 15.6% | 13.8% | 20.9% | 20.0% | 0.5% | 0.5% |
| **FR** | 14.0% | 14.2% | 14.1% | 14.3% | 14.5% | 16.0% | 23.5% | 23.0% | 7.8% | 7.8% |
| **FI** | 36.7% | 37.7% | 31.4% | 38.7% | 39.5% | 32.8% | 42.4% | 38.0% | 21.6% | 22.0% |
| **HR** | 28.1% | 28.0% | 14.8% | 27.9% | 27.5% | 15.9% | 21.1% | 20.0% | 2.1% | 2.1% |
| **HU** | 9.5% | 9.5% | 6.9% | 9.5% | 9.4% | 8.2% | 13.0% | 13.0% | 6.9% | 6.7% |
| **IE** | 7.7% | 8.2% | 7.0% | 8.6% | 9.0% | 8.9% | 15.5% | 16.0% | 5.2% | 5.9% |
| **IT** | 16.7% | 16.9% | 8.7% | 17.1% | 17.1% | 10.5% | 19.8% | 17.0% | 4.5% | 4.7% |
| **LT** | 23.0% | 23.4% | 17.4% | 23.9% | 24.3% | 18.6% | 24.0% | 23.0% | 4.2% | 4.3% |
| **LU** | 3.6% | 4.1% | 3.9% | 4.5% | 5.0% | 5.4% | 8.3% | 11.0% | 5.2% | 5.9% |
| **LV** | 37.1% | 37.9% | 34.8% | 38.7% | 39.2% | 35.9% | 40.3% | 40.0% | 3.2% | 3.3% |
| **MT** | 3.7% | 4.2% | 3.0% | 4.7% | 5.3% | 4.5% | 11.8% | 10.0% | 4.7% | 5.0% |
| **NL** | 4.8% | 5.2% | 5.9% | 5.5% | 6.0% | 7.6% | 13.0% | 14.0% | 5.7% | 5.6% |
| **PL** | 11.3% | 11.4% | 9.5% | 11.4% | 11.8% | 10.7% | 15.1% | 15.0% | 5.7% | 5.9% |
| **PT** | 25.7% | 26.3% | 23.7% | 27.0% | 27.8% | 25.2% | 33.4% | 31.0% | 3.4% | 6.7% |
| **RO** | 23.9% | 24.4% | 19.7% | 24.9% | 24.7% | 20.6% | 26.0% | 24.0% | 3.8% | 3.9% |
| **SE** | 52.0% | 52.3% | 42.6% | 52.6% | 54.1% | 43.9% | 56.2% | 49.0% | 19.2% | 24.2% |
| **SI** | 22.5% | 22.2% | 18.7% | 21.9% | 21.8% | 20.1% | 25.0% | 25.0% | 2.6% | 2.6% |
| **SK** | 10.1% | 10.9% | 8.9% | 11.6% | 11.9% | 10.0% | 14.3% | 14.0% | 6.9% | 6.5% |
| **UK** | 5.6% | 6.3% | 5.4% | 7.0% | 8.2% | 7.5% | 14.8% | 15.0% | 4.9% | 4.2% |
| **UE-28** | 15.0% | 15.5% | 12.1% | 16.0% | 16.4% | 13.8% | 21.0% | 20.0% | 5.9% | 6.0% |

Sors: Direttiva 2009/28/KE; Eurostat SHARES 2014; proxy ta' RES tal-EEA (2015); PRIMES (2020, 2025, 2030)

*Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn il-progress tal-Istati Membri lejn il-miri tal-2020 fl-enerġija rinnovabbli (sors: Öko-Institut, EUROSTAT)*

## 2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-ostakoli amministrattivi joħolqu spejjeż addizzjonali ta' żvilupp li jirriżultaw mill-inċertezza, li taffettwa b'mod speċjali lill-proġetti rinnovabbli bi spejjeż kapitali ogħla minn dawk ta' proġetti ta' enerġija konvenzjonali. Dawn l-ostakoli jistgħu jwasslu għal dewmien fl-użu jew saħansitra jwaqqfu proġetti milli jitwettqu. Bl-ispejjeż teknoloġiċi li qed jonqsu b'rata mgħaġġla, il-proċeduri amministrattivi qegħdin proporzjonalment jiksbu aktar piż fl-ispiża globali ta' proġetti rinnovabbli[24]. Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli teżiġi li l-proċeduri tal-Istati Membri li jippermettu proġetti ta' enerġija rinnovabbli jkunu proporzjonati u neċessarji. Tinkludi wkoll l-obbligu għall-Istati Membri li fl-ewwel rapport tagħhom dwar il-progress, jispjegaw jekk għandhomx l-intenzjoni li (i) jistabbilixxu korp amministrattiv uniku għall-applikazzjonijiet ta' impjanti ta' enerġija rinnovabbli; (ii) jipprovdu għall-approvazzjoni awtomatika tal-applikazzjonijiet għall-permess meta l-korp ta' awtorizzazzjoni ma jkunx wieġeb fl-iskadenzi stabbiliti; u (iii) jindikaw żoni ġeografiċi adatti għall-isfruttar tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

L-Istati Membri għamlu progress fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Il-parti l-kbira minnhom stabbilew skadenzi massimi għall-proċeduri ta' permess kif ukoll iffaċilitaw il-proċeduri għall-proġetti fuq skala żgħira, u ħafna minnhom jidentifikaw żoni ġeografiċi għal proġetti rinnovabbli. Barra minn hekk, numru dejjem akbar ta' Stati Membri qegħdin joffru lill-iżviluppaturi ta' proġetti l-possibbiltà li jissottomettu applikazzjonijiet onlajn. Madankollu, kif muri fil-Grafika 7 Figure 7, għad fadal xi ostakoli, bħal pereżempju għall-punti uniċi ta' servizz jew għall-għoti ta' permess awtomatiku wara l-iskadenza.

Meta mqabbla mal-2012, fl-2014 is-sitwazzjoni ftit li xejn inbidlet f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' punt uniku ta' servizz. Ftit pajjiżi biss, bħal Franza, il-Belġju u l-Lussemburgu, adottaw din il-miżura. Kien hemm titjib żgħir rigward l-applikazzjonijiet onlajn, li bdew jiġu implimentati mill-Awstrija u mill-Bulgarija. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' skadenzi massimi nfirxet ma' kważi l-Istati Membri kollha. Madankollu, in-numru ta' Stati Membri li japplikaw proċeduri ffaċilitati għall-proġetti fuq skala żgħira naqas. It-Tabella 2 toffri ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-proċeduri ffaċilitati fil-livell tal-Istati Membri.




*Grafika 7: L-ostakoli amministrattivi fl-UE fl-2014 (numru ta' Stati Membri kkonċernati) (sors: Öko-Institut)*

[24] Il-Valutazzjoni tat-Tfassil mill-Ġdid tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, SWD (2016) 416 final

| | Post li fih tinqeda minn kollox | Applikazzjoni online | Ebda limitu ta' żmien massimu għall-proċeduri | Permess awtomatiku wara li tkun għaddiet l-iskadenza | Proċedura ffaċilitata għal proġetti ta' skala żgħira | Identifikazzjoni ta' siti ġeografiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Awstrija** | assenti | eżistenti | assenti | assenti | eżistenti | assenti |
| **Il-Belġju** | eżistenti | parzjalment eżistenti | eżistenti | ebda informazzjoni | eżistenti | parzjalment eżistenti |
| **Il-Bulgarija** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti |
| **Ċipru** | assenti | assenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | assenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **Il-Ġermanja** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti |
| **Id-Danimarka** | parzjalment eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti |
| **L-Estonja** | assenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | assenti | assenti |
| **Il-Greċja** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **Spanja** | assenti | assenti | eżistenti | assenti | eżistenti | assenti |
| **Il-Finlandja** | assenti | assenti | assenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **Franza** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **L-Ungerija** | assenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **Il-Kroazja** | assenti | assenti | eżistenti | ebda informazzjoni | eżistenti | parzjalment eżistenti |
| **L-Irlanda** | assenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **L-Italja** | eżistenti | assenti | eżistenti | assenti | eżistenti | assenti |
| **Il-Litwanja** | assenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | ebda informazzjoni |
| **Il-Lussemburgu** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | assenti | ebda informazzjoni | eżistenti |
| **Il-Latvja** | assenti | assenti | eżistenti | assenti | assenti | assenti |
| **Malta** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **In-Netherlands** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti |
| **Il-Polonja** | assenti | assenti | eżistenti | assenti | eżistenti | assenti |
| **Il-Portugall** | assenti | eżistenti | eżistenti | assenti | eżistenti | eżistenti |
| **Ir-Rumanija** | assenti | assenti | eżistenti | assenti | assenti | assenti |
| **Is-Slovenja** | assenti | assenti | assenti | assenti | assenti | assenti |
| **Is-Slovakkja** | assenti | assenti | eżistenti | assenti | eżistenti | assenti |
| **L-Isvezja** | eżistenti | eżistenti | eżistenti | eżistenti | ebda informazzjoni | eżistenti |
| **Ir-Renju Unit** | eżistenti | assenti | eżistenti | assenti | eżistenti | assenti |

*Tabella2: Is-sitwazzjoni attwali tad-disponibbiltà ta' proċeduri amministrattivi faċilitati fl-Istati Membri tal-UE fl-2014 (sors: Öko-Institut)*

## 3. VALUTAZZJONI TAS-SOSTENIBBILTÀ TAL-BIJOKARBURANTI FL-UE

### a. Ir-rendiment tal-emissjonijiet ta' GHG

L-Istati Membri rrapportaw iffrankar nett ta' madwar 35 Mt ekwivalenti $CO_2$ fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minħabba l-użu ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport fl-2014.Ħafna minnhom irrapportaw li l-iffrankar kien ġej mill-użu ta' bijokarburanti, bi rwol żgħir iżda li qed jikber ta' elettriku rinnovabbli. Dan l-iffrankar ikopri biss emissjonijiet diretti u ma jinkludix emissjonijiet mit-Tibdil Indirett fl-Użu tal-Art (ILUC).

L-emissjonijiet tal-ILUC assoċjati mal-bijokarburanti kkonsmati fl-UE huma stmati li huma 23 Mt ekwivalenti ta' $CO_2$, li jħallu ffrankar nett ta' 12 Mt ekwivalenti $CO_2$[25]. Bl-applikazzjoni tal-medda ta' sensittività assoċjata kif stipulat fl-Anness VIII tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, l-emissjonijiet tal-ILUC ivarjaw bejn 14 u 28 Mt ekwivalenti ta' $CO_2$u l-iffrankar nett korrispondenti bejn 7 u 21 Mt ekwivalenti ta' $CO_2$.

Ħidma riċenti ta' mmudellar[26] tal-impatti tal-ILUC ta' materja prima bijokarburanti individwali tikkonferma li l-emissjonijiet mill-ILUC jistgħu jkunu ferm ogħla għall-bijokarburanti prodotti miż-żjut veġetali milli għall-bijokarburanti prodotti mil-lamtu jew miz-zokkor. Bijokarburanti avvanzati minn uċuħ mhux tal-ikel ġeneralment għandhom emissjonijiet tal-ILUC baxxi ħafna jew ineżistenti.

### b. Il-kummerċ u l-pajjiżi fornituri ewlenin

Fl-2014, madwar 10% tal-bijoetanol u madwar 26% tal-bijodiżil fl-UE ġew importati. Il-pajjiżi esportaturi ewlenin kienu l-Malasja għall-bijodiżil u l-Gwatemala, il-Bolivja, il-Pakistan, ir-Russja u l-Peru għall-bijoetanol[27]. Tlieta minnhom[28] jieħdu sehem fl-Arranġament ta' Inċentiv Speċjali tal-UE għal Żvilupp Sostenibbli u Governanza Tajba ("GSP+"). L-ewwel Rapport dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi għall-perjodu 2014-2015[29] jipprovdi analiżi tas-sitwazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-ħarsien ambjentali u l-governanza tajba f'dawn il-pajjiżi. Fl-2015, l-importazzjonijiet tal-bijoetanol u tal-bijodiżil naqsu bl-akbar tnaqqis ta' importazzjonijiet ta' etanol ikunu mill-pajjiżi tal-GSP+.

Id-dejta rigward id-diżaggregazzjoni skont il-materja prima għall-produzzjoni tal-bijoetanol u l-bijodiżil ikkonsmati fl-UE tvarja skont is-sors ta' informazzjoni[30]. Is-sorsi kollha disponibbli madankollu jikkonfermaw li l-etanol tal-UE huwa prodott l-aktar mill-qamħ, mill-qamħirrum u mill-pitravi, u li fl-2014, aktar minn 50% tal-bijodiżil ikkonsmat fl-UE kien prodott miż-żejt tal-lift waqt li l-użu ta' żjut u xaħmijiet użati iżda wkoll taż-żejt tal-palm żdied b'mod

---

[25] Skont id-Direttiva (UE) 2015/1513 tad-9 ta' Settembru 2015 (l-hekk imsejħa Direttiva ILUC), il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirrapporta dwar l-emissjonijiet ta' GHG mill-bijokarburanti, inkluża l-emissjoni mill-ILUC billi tuża d-dejta dwar il-materja prima mir-rapporti tal-Istati Membri li għandhom jaslu sa tmiem l-2017. Peress li t-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/153 għadha mhix lesta u l-Istati Membri għadhom ma bdewx jirrapportaw id-dejta meħtieġa, il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq dejta mill-Eurostat (ammonti ta' bijodiżil, bijokarburanti likwidi oħrajn u bijogażolina kkonsmata fl-UE) u dejta mit-taħlita ta' materja prima mill-USDA FAS 2016 u dejta mill-industrija

[26] Ecofys, IIASA, E4Tech, 2015

[27] Dejta tal-industrija: ara l-istatistika ta' ePUR, ippubblikata fit-22 ta' Settembru 2016.

[28] Il-Bolivja, il-Pakistan u l-Perù. Minn Jannar 2016 il-Gwatemala m'għadhiex tibbenefika mill-istrument tal-GSP+

[29] COM(2016) 29 final, 28 ta' Jannar 2016.

[30] Għas-sorsi tal-UE-28 analizzati: dejta disponibbli għall-pubbliku (assoċjazzjonijiet tal-industrija u USDA FAS), dejta kummerċjali

sinifikanti mill-2010[31]. Skont id-dejta tal-industrija, aktar minn 60% tal-bijodiżil u aktar minn 90% tal-bijoetanol ikkonsmat fl-UE kien prodott minn materja prima Ewropea[32].

Materja prima għall-bijoetanol li ma tiġix mill-UE hija importata mill-Ukraina (qamħirrum, qamħ), mill-Kanada (qamħ), mir-Russja u mill-Moldova (xgħir, ray), u mis-Serbja (pitravi)[33]. L-akbar esportaturi tal-materja prima għall-bijodiżil lejn l-UE kienu l-Indoneżja u l-Malasja (żejt tal-palm), il-Brażil u l-Istati Uniti (sojja)[34]. Il-parti l-kbira taż-żejt tal-lift ġejja mill-UE[35]. Il-potenzjal tal-materja prima għall-karburanti rinnovabbli avvanzati huwa kbir ħafna, iżda l-impjanti ta' produzzjoni fuq skala kummerċjali għadhom limitati.

| Bhejjem domestiċi u importati (fl-2014) | *Massa ta' bhejjem (1,000 MT)* | *Sehem ta' bijoetanol/ bijodiesel (%)* |
|---|---|---|
| **Bijoetanol** | | |
| Qamħ | 2,798 | 22% |
| Qamħirrun | 5,174 | 47% |
| Xgħir | 541 | 4% |
| Pitrava | 9,364 | 20% |
| Segala | 846 | 6% |
| Bijomassa ċellulosika | 270 | 1% |
| **Bijoetanol totali** | **18,993** | **100%** |
| **Bijodiesel** | | |
| Żejt tal-kolza | 6,100 | 52% |
| UCO | 1,800 | 15% |
| Żejt tal-palma | 1,580 | 13% |
| Żejt tas-soja | 890 | 8% |
| Xaħam tal-annimali | 920 | 8% |
| Żejt tal-ġirasol | 320 | 3% |
| Oħrajn (żejt tal-prinjol, aċidi grassi) | 170 | 1% |
| **Bijodiesel totali** | **11,780** | **100%** |

*Tabella 3: Il-bażi ta' materja prima tal-produzzjoni ta' bijoetanol u bijodiżil fl-UE-28 fl-2014 (sors: USDA FAS 2016)*

## c. L-użu tal-art u t-tibdil fl-użu tal-art

Waqt li ż-żoni forestali, iż-żoni naturali u ż-żoni artifiċjali żdiedu fl-UE bejn l-2000 u l-2016, il-mergħat naqsu. Fl-2015, il-proporzjon ta' mergħat ma' art agrikola niżel bi 2.01% meta mqabbel mal-proporzjon ta' referenza kkalkulat fuq il-bażi tad-dejta tal-2005[36]. It-telf ta' mergħat permanenti bejn l-2006 u l-2016 kien jammonta għal 3 Mha (-4.9%)[37]. Filwaqt li fl-Unjoni ma nstabitx relazzjoni kawżali diretta bejn it-telf tal-mergħat u ż-żieda fl-art għall-

31 Dejta disponibbli għall-pubbliku tindika li fl-2014, l-użu ta' żjut u xaħmijiet użati żdied aktar minn tliet darbiet meta mqabbel mal-2010 u l-użu taż-żejt tal-palm aktar minn irdoppja meta mqabbel mal-2010.

32 Fediol, ePure, EurObserver

33 Dejta ta' USDA FAS, UN Comtrade: http://comtrade.un.org/

34 Dejta ta' USDA FAS, UN Comtrade: http://comtrade.un.org/

35 Dejta ta' USDA FAS, UN Comtrade: http://comtrade.un.org/

36 SWD(2016) 218 final Reviżjoni tal-ekoloġizzazzjoni wara sena

37 Prospettiva tal-Agrikoltura tal-UE 2016

uċuħ użati għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, din ġiet irraportata minn Stat Membru wieħed[38].

L-aktar mudellar riċenti tal-ILUC[39] jindika li, sal-2020, il-politika dwar il-bijokarburanti tal-UE tista' twassal għal espansjoni ta' 1.8 Mha ta' art ikkultivata fl-UE u għal 0.6 Mha fil-bqija tad-dinja, b'0.1 Mha għad-detriment tal-foresta. L-espansjoni tal-art ikkultivata fil-livell globali sseħħ għad-detriment tal-mergħat (-1.1 Mha), tal-art abbandunata (-0.9 Mha) u veġetazzjoni naturali oħra (-0.4 Mha).

## d. L-ambjent, kwistjonijiet ekonomiċi u ta' żvilupp

Ma nstab ebda effett negattiv sinifikanti mill-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi fuq il-bijodiversità, ir-riżorsi tal-ilma, il-kwalità tal-ilma u tal-ħamrija fl-UE[40]. Madankollu, it-tibdil indirett fl-użu tal-art jista' jikkawża telfien tal-bijodiversità jekk issir espansjoni addizzjonali tal-art f'żoni sensittivi, bħal foresti u bwar b'bijodiversità għolja.

Rigward il-**kwalità tal-ħamrija**, fl-UE dawn ir-riskji huma indirizzati mill-Politika Agrikola Komuni u l-leġiżlazzjoni ambjentali Ewropea u nazzjonali. Rigward pajjiżi terzi, id-degradazzjoni tal-ħamrija tista' sseħħ meta l-espansjoni tal-bijokarburanti sseħħ fuq art li ma tkunx adattata għall-użu agrikolu. Ir-riċerka turi li numru ta' msieħba kummerċjali tal-UE fil-materja prima tal-bijokarburanti (eż. ir-Russja, l-Ukraina, il-Kanada, il-Peru u l-Brażil) għandhom żoni ta' art agrikola kkaratterizzati b'adattabbiltà baxxa għall-uċuħ (irrispettivament mill-użu finali tal-uċuħ), u għaldaqstant iwasslu għal impatti fuq il-ħamrija[41].

Ma ġie rappurtat ebda impatt tal-produzzjoni ta' bijokarburanti fuq id-disponibbiltà tal-**ilma** fl-UE. Rigward il-kwalità tal-ilma, il-Ġermanja rrapportat impatti negattivi minħabba n-nitrati f'żoni b'intensità għolja ta' bhejjem u b'aktar minn 50% tar-raba' użata għall-produzzjoni tal-qamħirrum għall-bijogass, li madankollu jintuża l-aktar għall-iġġenerar tal-elettriku. F'pajjiżi terzi, ma ġiet identifikata l-ebda evidenza ta' rabtiet diretti bejn il-produzzjoni ta' bijokarburanti u l-istress fuq l-ilma fis-sħab esportaturi ta' bijokarburanti lejn l-UE.

Rigward il-**prezzijiet tal-ikel**, għandu jkun innotat li bejn l-2012 u l-2015, il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi agrikoli naqsu. Fl-2015, il-prezz taż-żjut veġetali laħaq l-inqas livell tiegħu mill-2005 (f'USD)[42], filwaqt li l-prezzijiet għad-dqiq u l-pasti taż-żrieragħ żejtnin żdiedu. Id-domanda aktar baxxa għall-bijokarburanti għaż-żjut veġetali kienet fost il-fatturi li kkontribwew għall-waqgħa fil-prezzijiet taż-żjut/xaħmijiet[43]. Fatturi oħrajn jinkludu: il-provvista u stokkijiet kbar ta' żrieragħ, is-sostituzzjoni tad-dqiq b'ċereali, u prezzijiet baxxi taż-żejt mhux maħdum.

Il-konsum tal-etanol fl-UE kellu impatt negliġibbli fuq il-prezzijiet taċ-ċereali minħabba li s-sehem tal-UE fis-suq globali tal-etanol ma qabiżx is-7%, u s-suq taċ-ċereali globali huwa xprunat l-aktar mid-domanda għall-għalf. Fil-futur, l-aktar tkabbir b'saħħtu fil-konsum ta' bijokarburanti huwa mistenni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, filwaqt li d-domanda akbar għall-ikel u l-għalf għal popolazzjoni aktar għanja hija mbassra li ser tkun issodisfata l-aktar

[38] Il-Ġermanja, fir-rapport ta' progress tagħha
[39] Mudelli GLOBIOM, Valin 2016
[40] Rapporti tal-Istati Membri
[41] IIASA (L-immapjar tal-adattabbiltà tal-ħamrija, valutazzjonijiet nazzjonali)
[42] Il-Prospettiva tal-Agrikoltura tal-UE 2016
[43] Il-Prospettiva tal-Ikel tal-FAO Ottubru 2015

minn qligħ tal-produttività, bit-titjib fir-rendiment mistenni li jammonta għal madwar 80% taż-żieda fir-rendiment tal-uċuħ[44].

Rigward id-**dritt tal-użu tal-art**, l-aħħar rapporti dwar ftehimiet dwar art fuq skala kbira jikkonfermaw is-sejba tar-rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli tal-2015 tal-Kummissjoni li sehem żgħir ħafna biss mill-proġetti tal-bijokarburanti barra l-UE ġew żviluppati bis-suq tal-UE bħala skop. U bosta proġetti ta' xiri tal-art imnedija fil-bidu tas-snin 2000 fallew u ma żviluppawx fi proġetti reali ta' produzzjoni ta' bijokarburanti. L-interess tal-investituri kien baxx fl-2014 – 2015, bi ftit aktar minn nofs (51%) l-art mixtrija mħollija mitluqa (67% fl-Afrika sub-Saħarjana)[45]**.** Attribuzzjoni ċara ta' ftehimiet għall-bijokarburanti hija diffiċli peress li l-uċuħ agrikoli jistgħu jispiċċaw fil-katina tal-ikel skont il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi fi żmien il-ħsad jew fatturi oħrajn[46]. Għandu jkun innotat ukoll li, sabiex tindirizza t-tħassib relatat mal-impatti fuq il-komunitajiet lokali u d-drittijiet tal-użu tal-art fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) adottat fl-2012 il-Linji Gwida dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art u fl-2014 il-Linji Gwida għall-Investimenti Responsabbli fl-Agrikoltura. Fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà tal-UE bil-parteċipazzjoni ta' diversi partijiet ineressati (ż. ISCC, RSPO RED, RSB EU RED) ikopru wkoll aspetti ta' sostenibbiltà soċjali, ekonomiċi u ambjentali li jmorru lil hinn mill-kriterji obbligatorji ta' sostenibbiltà tal-UE.

44 Prospettiva tal-Agrikoltura 2016 - 2025 tal-OECD-FAO (2016)
45 FMI, Perspettiva Ekonomika Dinjija: domanda baxxa – sintomi u rimedji. Ottubru 2016
46 Rapport QAMĦ 2016.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli hija parti essenzjali mill-politika tal-enerġija tal-UE, kif rikonoxxut fl-Artikolu 194 TFUE, u tikkontribwixxi ħafna għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Qafas tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-qafas regolatorju l-ġdid għal wara l-2020 propost mill-Kummissjoni bħala parti mill-pakkett "*Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha*" f'Novembru 2016 jibni fuq l-esperjenza miġbura taħt id-Direttiva eżistenti dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Dan għandu l-għan li jkompli jagħti karattru aktar Ewropew lill-politika dwar l-enerġija rinnovabbli u jagħmel l-aħjar użu minnha fis-setturi tal-bini, tat-trasport u tal-industrija. Il-Kummissjoni pproponiet dispożizzjonijiet imsaħħa biex toffri l-kundizzjonijiet tajbin għall-investimenti, fosthom il-ftuħ transkonfinali progressiv tal-appoġġ, il-prinċipju tan-nonretroattività u proċeduri amministrattivi aċċellerati, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi. Is-setturi tal-elettriku, tat-trasport u tat-tisħin u t-tkessiħ huma kollha fil-mira ta' għadd ta' miżuri konkreti, filwaqt li qed ikun propost li l-miri nazzjonali tal-2020 jintużaw bħala linja bażi għal aktar progress mill-Istati Membri wara l-2020. F'dak li jirrigwarda l-bijoenerġija, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ il-qafas ta' sostenibbiltà tal-UE għall-bijoenerġija billi testendih biex ikopri l-bijomassa u l-bijogass użati għat-tisħin u għall-elettriku f'impjanti kbar tal-enerġija.

B'sehem ta' 16% fil-konsum finali tal-enerġija fl-2014, l-UE u l-parti l-kbira tal-Istati Membri[47] jinsabu fit-triq it-tajba f'dak li jirrigwarda l-enerġija rinnovabbli [48]. Madankollu, l-estimi tal-2015 juru li l-Istati Membri se jkollhom ikomplu l-isforzi tagħhom sabiex jilħqu l-miri vinkolanti tagħhom tal-2020, hekk kif it-trajettorja ssir aktar diffiċli. Dan japplika b'mod speċjali għal Franza, għal-Lussemburgu u għan-Netherlands, li fl-2016 se jkollhom iżidu l-ishma tagħhom b'mod sostanzjali sabiex jibqgħu fuq l-istess linja mat-trajettorji rispettivi tagħhom. Minn perspettiva li tħares aktar 'il quddiem, il-projezzjonijiet juru li l-UE inġenerali se tilħaq il-mira tagħha ta' 20% sal-2020. Madankollu, ċerti Stati Membri bħall-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands u r-Renju Unit jistgħu jkunu meħtieġa jsaħħu l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn billi jużaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bħal trasferimenti ta' statistika biex jilħqu fil-waqt il-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom.

**It-tisħin u t-tkessiħ**, li jirrappreżenta madwar nofs[49] il-konsum tal-enerġija finali fil-livell tal-UE, jibqa' l-akbar settur f'termini ta' konsum ta' enerġija[50]. Huwa wkoll l-akbar kontributur għall-mira tal-enerġija rinnovabbli, b'nofs il-konsum tal-enerġija rinnovabbli[51], anki jekk ir-rata ta' tkabbir tiegħu kienet aktar kajmana milli fis-settur tal-elettriku. Fl-2015, madwar 18.1% tat-tisħin u t-tkessiħ tal-UE kien rinnovabbli, bil-bijomassa tirrappreżenta, b'marġni wiesa', l-akbar kontribuzzjoni.

Is-settur tal-**elettriku** ra l-aktar tkabbir mgħaġġel fis-sehem rinnovabbli, li attwalment jilħaq it-28.3% tal-produzzjoni totali tal-elettriku. Fl-2015, l-akbar kontributur għall-elettriku rinnovabbli baqa' l-idroelettriku. L-aktar prestatur b'saħħtu f'termini ta' tkabbir huwa r-riħ fuq l-art. L-iżvilupp solari fotovoltajku kien irregolari, bi tkabbir massimu fl-2011 u fl-2012, iżda b'rati aktar baxxi ta' tkabbir kull sena minn dak iż-żmien 'l hawn. Flimkien, id-diversi sorsi rinnovabbli[52] jirrappreżentaw 12% tal-ġenerazzjoni gross tal-elettriku fl-UE.

---

[47] Ħlief għan-Netherlands

[48] Kif stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva 2009/28/KE

[49] Ibbażat fuq l-indikaturi tal-2015, Öko Institut. 45% fl-2015 ibbażati fuq id-denominaturi RES

[50] F'termini ta' emissjonijiet ta' CO2 madankollu, l-elettriku għadu kontributur kbir b'41% tal-emissjonijiet ta' CO2 fl-UE

[51] Ibbażat fuq l-indikaturi tal-2015, Öko Institut. 50% fl-2015, minbarra l-għadd multiplu għat-trasport

[52] Hawnhekk, l-enerġija mir-riħ u mix-xemx

**It-trasport** huwa s-settur li qed ikompli juri l-aktar tkabbir kajman ta' sorsi rinnovabbli, b'medja ta' 0.5 punti perċentwali fis-sena mill-2005 sal-2014 u tnaqqis sinifikanti wara l-2011[53]. Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli tiegħu kien 5.9 % fl-2014 (u stmat għal 6.0 % biss fl-2015) minn mira speċifika għas-settur ta' 10 % għall-2020. Dan il-progress kajman huwa dovut għal diversi diffikultajiet, fosthom l-inċertezza regolatorja u użu tardiv ta' bijokarburanti avvanzati

L-Istati Membri għamlu progress fit-tneħħija tal-ostakoli amministrattivi, iżda dan il-progress ma kienx uniformi madwar l-Unjoni u għad fadal ħafna xi jsir, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-għoti awtomatiku ta' permess wara l-iskadenza tal-proċedura amministrattiva u fl-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz.

Rigward is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, il-parti l-kbira tal-bijokarburanti kkonsmati fl-UE huma prodotti fl-Unjoni minn materja prima domestika. Ma ġie identifikat ebda effett ħażin dirett sinifikanti fl-UE fuq il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma, is-sigurtà tal-ikel u fuq il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Madankollu, ir-riskji tal-impatti tat-tibdil indirett fl-użu tal-art jibqgħu ta' tħassib. L-analiżi tal-mudelli sabet riskji ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) li jirriżulta mill-bijokarburanti li ġejjin mill-ikel. Huwa għalhekk li, bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-ILUC, l-UE llimitat il-kontribuzzjoni ta' dawn il-bijokarburanti għall-mira ta' 10% fis-sorsi rinnovabbli għat-trasport. Barra minn hekk, dan l-aħħar il-Kummissjoni għamlet proposti sabiex tnaqqas bil-mod is-sehem ta' bijokarburanti li ġejjin mill-ikel wara l-2020, waqt li inkoraġġiet is-sostituzzjoni progressiva tagħhom permezz ta' bijokarburanti avvanzati u elettriku rinnovabbli.

Bħala konklużjoni, il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli flimkien ma' proposti oħrajn tal-pakkett "*Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha*", li issa qed tiġi eżaminata kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kunsill, għandha l-għan li tindirizza l-ostakoli li semmejna aktar 'il fuq u li qegħdin irażżnu t-tkabbir tal-enerġija rinnovabbli, u b'hekk tikkonferma d-determinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tqiegħed lill-Unjoni Ewropea fl-ewwel post f'dak li jirrigwarda l-enerġija rinnovabbli.

[53] Dovut l-aktar għal bidliet fil-bijokarburanti konformi mal-kontabbiltà